# IN-NAZZJON

Is-Sibt, 30 ta' Awwissu, 2008 €0.42 / 18ċ


# MEUSAC pro-attiv

minn Charles Muscat — charles.muscat@media.link.com.mt

**Il-Kumitat ta' Azzjoni bejn Malta u l-Unjoni Ewropea (MEUSAC) għandu jkun pro-attiv u mhux biss jiddiskuti l-proposti leġislattivi li jkunu ġejjin mill-Unjoni Ewropea, iżda l-membri fi ħdanu jpoġġu fuq l-aġenda punti li huma jaħsbu li pajjiżna jrid iressaq fuq l-aġenda tal-UE.**

Chris Said, is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u l-Informazzjoni, ilbieraħ għamel dan l-appell meta mexxa l-ewwel laqgħa tal-*Core Group* tal-MEUSAC li għaliha attendew ir-rappreżentanti tal-partiti politiċi, tal-korpi kostitwiti, tas-soċjetà ċivili u rappreżentanti tal-Gvern. Fil-laqgħa ħa sehem ukoll Vanni Xuerab, il-Kap tal-MEUSAC.

Fil-ftuħ tal-laqgħa, is-Segretarju Parlamentari Chris Said qal li l-Gvern hass il-bżonn li jerġa' jwaqqaf il-MEUSAC wara l-esperjenza pożittiva ta' dan il-Kumitat waqt il-proċess tan-negozjati għas-sħubija ta' Malta fl-UE.

Hu qal li l-MESUAC irid ikun il-forum fejn issir konsultazzjoni wiesgħa dwar il-leġislazzjonijiet tal-UE kif ukoll biex iressaq proposti għad-diskussjoni.

Chris Said qal li jrid ikun hemm tliet livelli ta' konsultazzjoni fil-MEUSAC fejn il-*core group* jiddiskuti temi ta' importanza nazzjonali, il-kumitati jiddiskutu materji settorjali filwaqt li affarijiet ta' rutina ma jeħtiġux diskussjonijiet fil-*core group* jew fil-kumitati.

Hu qal li jrid ikun hemm distinzjoni bejn dak li jkun diskuss fil-MEUSAC li jitratta aktar affarijiet relatati mal-UE, u l-MCESD li aktar jitratta kwistjonijiet lokali nazzjonali.

Vanni Xuereb qal li l-MEUSAC qed jiġbor madwar mejda lil uffiċjali għolja tal-Gvern, rappreżentanti tal-erba' partiti politiċi, tal-korpi kostitwiti, ta' Għawdex u esperti. Fil-laqgħat li jmiss se jkun hemm ukoll ir-rappreżentanti li se jiffurmaw id-disa' sotto-kumitati.

Hu qal li minbarra l-proċess ta' konsultazzjoni, il-MEUSAC irid ukoll jipprovdi informazzjoni u jagħti għajnuna dwar il-programmi u l-fondi tal-UE.

Matul il-laqgħa saret diskussjoni dwar il-proċess ta' konsultazzjoni, dwar il-formazzjoni tas-sotto-kumitati kif ukoll il-pjan ta' ħidma għas-sena 2008-2009. Kien deċiż li l-*core group* tal-MEUSAC jiltaqa' kull raba' Ġimgħa tax-xahar.

għal paġna 3




Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Pubbliku u l-Informazzjoni Chris Said ilbieraħ fetaħ il-proċess ta' konsultazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea fl-ewwel laqgħa li mexxa tal-MEUSAC (Ritratt: Michael Ellul)

## Belt kapitali aktar aċċessibbli

- Minn nhar it-Tnejn l-1 ta' Settembru se jiżdiedu żewġ toroq oħra pedonali li huma Triq in-Nofsinhar u Triq San Ġwann
- Se jinbidel il-wiċċ taż-żewġ toroq ewlenin li se jsiru pedonali
- Il-ħwienet fil-Belt se jibqgħu miftuħin wara nofsinhar ukoll
- Il-ħinijiet għall-aċċes fil-Belt għal vetturi li jwasslu l-merkanzija se jinbidlu u b'hekk fit-toroq ewlenin se jkun hemm inqas vetturi li jimblukkaw it-toroq

Aktar f'paġna 28

## Aktar turisti fl-ewwel seba' xhur tas-sena

Ċifri maħruġa mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO) juru li tul l-ewwel seba' xhur tas-sena t-turisti żdiedu bi 12 fil-mija. Bejn Jannar u Lulju waslu Malta 726,804 turist.

għal paġna 4



## Mara ssieħeb lil McCain

Sarah Palin ntgħażlet mill-Partit Repubblikan biex tikkontesta għall-Viċi-President

Ara paġna 13

## BOV Premier League

Iċ-Champions Valletta jiksbu l-ewwel rebħa

Ara paġna 27



# Spirtu pożittiv u rieda li l-proċess ikompli jissaħħaħ

minn paġna 1

It-tliet rappreżentanti tal-NGO's fil-*core group* iridu jintgħażlu permezz ta' proċess li jitmexxa mill-Kap tal-MEUSAC.

Waqt il-laqgħa tqajmu diversi punti mill-membri preżenti fosthom dwar il-kwistjoni tal-immigrazzjoni irregolari, il-bżonn li l-proposti approvati mill-MEUSAC jitwettqu kif ukoll il-bżonn ta' informazzjoni lill-pubbliku dwar dak li jwettaq il-MEUSAC.

F'kumment lil *In-Nazzjon* wara l-laqgħa, is-Segretarju Parlamentari Chris Said qal li kienet laqgħa pożittiva fejn il-membri kollha kellhom l-opportunità jitkellmu dwar ir-rwol ta' dan il-forum.

Hareġ ukoll il-bżonn li jitwaqqfu disa' kumitati u kien diskuss il-proċess kif dawn għandhom jitwaqqfu biex fihom ikun hemm rappreżentanza wiesgħa tas-soċjetà ċivili.

Chris Said qal li l-membri kollha kellhom reazzjoni pożittiva li dan kien pass importanti li se jkompli jgħin biex issir konsultazzjoni kontinwa u wiesgħa dwar dak kollu li għandu x'jaqsam mal-UE.

Vanni Xuereb qal li hu ottimist għall-futur tal-MEUSAC għax wara l-laqgħa tal-bieraħ ra spirtu pożittiv u hemm rieda li l-proċess li nbeda jkompli jissaħħaħ u fejn tidħol il-leġislazzjoni tal-UE u affarijiet oħra jkun hemm djalogu bejn il-partiti, korpi kostitwiti, is-soċjetà ċivili u l-Gvern.

Barra minn hekk, dak li jkun diskuss fil-MEUSAC jitieħed inkonsiderazzjoni mill-Gvern waqt li jkun qed jieħu pożizzjoni fl-istituzzjonijiet Ewropej.









Is-Segretarju Parlamentari Chris Said flimkien mal-Kap tal-MEUSAC Vanni Xuereb



Membri tal-korpi kostitwiti, *unions*, partiti politiċi u tas-soċjetà ċivili li huma rappreżentati fil-MEUSAC waqt il-laqgħa tal-bieraħ f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi

Djalogu
Xogħol ■ Edukazzjoni ■ Ambjent ■
għada l-Ħadd, 31 ta' Awwissu
fil-11:00am, fl-Uffiċċju PN San Ġwann
Flimkien b'impenn għall-ġejjieni
Kelliema: Simon Busuttil, Tonio Fenech, John Dalli u l-Prim Ministru u Kap tal-Partit Nazzjonalista Lawrence Gonzi
www.pn.org.mt
indipendenza 2008

